FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 9 TA' SETTEMBRU, 1996

Avviz Nru.324/96

Paul Banavage

vs

John Debattista

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Lulju, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Mitt Lira Maltija; premess illi l-attur kien qabbad lil konvenut biex jaghmillu TV Table ghat-televizjoni u ghall-video recorder, u meta ghamel it-televizjoni il-gdid li xtara, din il-mejda ghelbet, bil-konsegwenza li t-televizjoni spicca ma' l-art. Meta l-attur qal lil konvenut, dan mar u sewwa l-mejda u qalli li ser isib min isewwilu it-televizjoni. Gara li meta rrizulta li t-televizjoni ma jistghax jissewwa l-konvenut qallu li mhux responsabbli ghat-televizjoni. L-attur irrimarkalu li t-televizjoni spicca fl-art minhabba x-xoghol hazin li kien ghamel, infatti meta rranga l-izball it-TV Table giet soda. L-attur jghid ukoll li l-konvenut kien qallu li kien mar jirranga TV Tables ohra li kien ghamel l-Universita', biex ma jigrix kif kien gara lill-attur.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-17 ta' Lulju, 1996, fejn intqal:

i. Li l-bejgh tal-mejda sar matul l-1995;

ii. Li l-mejda kienet tajba u skond l-arti u s-sengha;

iii. Li l-konvenut sewwa l-mejda u l-kaxxa tat-TV "buona grazia" u semplicement sabiex izomm klijent kuntent;

iv. Li l-konvenut qatt ma accetta responsabbilta' jew tort;

v. Li hija qajla kredibbli li l-"cabinet" jinkiser bil-piz tat-televizjoni u video; u li quddiem l-attur

stess l-konvenut tela fuq "cabinet" simili u qabez fuqu u ma gralhu xejn;

vi. Li l-konvenut biegh TV Tables identici, anke l-Universita', u l-ebda wahda ma nkisret;

vii. Li l-konvenut ma rranga l-ebda mejda hlief dik tal-attur;

Ghalhekk it-talba ghandha tigi respinta.

Semgha x-xhieda ta' Paul Banavage u John Debattista;

Ha konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Il-kwistjoni tirrigwarda danni rizultanti minn allegat xoghol hazin fuq mejda ghall-televizjoni. Skond l-attur l-mejda cediet b'mod li t-televizjoni zzerzaq minn fuqha, waqa' mal-art u inkiser. L-attur qed ifittex ghad-danni riportati biex sewwa t-televizjoni.

Ikkunsidra li skond l-attur l-mejda in kwistjoni inxtrat fl-ahhar ta' Dicembru tas-sena 1995, filwaqt li t-television inxtara fit-22 ta' Frar, 1996, u dana kif jirrizulta mir-ricevuta ezebita. Skond il-konvenut il-mejda in kwistjoni inhadmet ghal habta ta' Gunju jew Lulju, 1995.

Jirrizulta li ma kienx hemm diffikulta da parti tal-konvenut biex isewwi l-mejda tat-televizjoni, u jidher li l-kwistjoni principali kienet dwar it-tiswija tat-televisjoni innifsu. Skond l-attur, l-konvenut kien accetta li jsewwi t-televizjoni, u dam xi xahrejn u nofs gej u sejjer ghandu. Il-konvenut jichad li kien accetta li jsewwi t-televizjoni, u jghid li meta sewwa l-mejda kienet biss biex izomm rapporti tajbin mal-klijent, u ma kien qatt intenda li jaccetta r-responsabilita' ghal dak li gara.

Jirrizulta li qabel ma gara l-incident rigwardanti t-televizjoni, ghal xi tlett xhur kien hemm video u monitor ta' tnax il-pulzier, fuq l-imsemmija mejda.

Skond il-konvenut il-parti ta' quddiem tal-mejda b'materjal "melamine" cediet ftit, pero' isostni li l-mejda kienet "upright" meta mar jara. Il-konvenut kien rranga il-mejda u l-kaxxa tat-televizjoni, u dan minghajr hlas. Skond il-konvenut assolutament ma setax jkun li t-televizjoni jizzerzaq, u dana minhabba l-mod kif inhi kostruwita il-mejda.

It-Tribunal filwaqt li japprezza li l-konvenut ghamel hieltu biex jipprova jirranga dak li gara, hu tal-fehma li fil-fatt l-incident gara minhabba li l-mejda ma kinitx tiflah t-television kbir.

Il-konvenut isostni li meta mar ghall-ordni u ra monitor zghir u video, qatt ma intqal lilu li l-mejda kienet ghall-televizjoni kbir. Pero' mil-lat l-iehor biex juri kemm tassew tiflah din il-mejda li hu ghamel, l-konvenut jghid li quddiem l-attur tela fuq mejda ossija "cabinet" simili, beda jaqbez fuqu u ma gralu xejn. Ghalhekk ma jreggix l-argument tal-konvenut li l-mejda ma kinitx intiza ghal xi piz oltre dak ta' monitor zghir u video. Wara kollox jigi rilevat li l-attur kien ordna "television table".

Ma ngiebet ebda prova dwar xi raguni ohra li setghet ikkagunat li t-televizjoni jaqa minn fuq il-mejda, hlief dik li l-mejda cediet minhabba xoghol hazin u minhabba li ma kinitx tiflah ghal piz, u t-Tribunal u soddisfatt li tassew dik kienet r-raguni l-ghala t-televizjoni spicca izzerzaq u tkisser mal-art. Id-danni konsegwenzjali ghalhekk ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Jirrizulta mir-ricevuti ezebiti li d-danni ghat-tiswija tat-televizjoni kienu jammontaw ghal Hamsa u disghin Lira Maltija u mhux ghal Mitt Lira Maltija kif mitlub.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' Hamsa u disghin Lira Maltija (Lm95) ghad-danni kif fuq inghad.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika

Dep. Reg.